

Brussell, 21 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0113(COD)

13531/1/21
REV 1 ADD 1

TRANS 648
CODEC 1415
PARLNAT 237

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li tiġi adottata DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta msemija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-1 ta' Ġunju 2017 bħala parti mill-Ewwel Pakkett dwar il-Mobilità.
2. Din il-proposta timmodifika d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq¹, bil-għan li jiġi estiż l-aċċess għas-suq għal vetturi mikrija tal-merkanzija u titnaqqas il-kumplessità tar-regoli.
3. Il-Parlament Ewropew, matul it-8 leġislatura tiegħu, ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli. Il-Kumitat TRAN ħatar lis-Sa Cláudia Monteiro de Aguiar (PPE, PT) bħala rapporteur u vvota dwar ir-rapport tagħha fl-24 ta' Mejju 2018. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, li fiha ħmistax-il emenda, fil-15 ta' Jannar 2019².
4. Matul id-9 leġislatura, il-Kumitat TRAN ikkonferma r-rapporteur u, fl-24 ta' Settembru 2019, iddeċieda li jidħol fi trilogi politiċi informali, abbażi tal-pożizzjoni fl-ewwel qari.
5. Fil-Kunsill, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-ħidma tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2017. Fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Grupp ta' Ħidma eżamina l-valutazzjoni tal-impatt. Id-delegazzjonijiet irrikonoxxew l-impatt pożittiv mistenni fuq il-penetrazzjoni fis-suq ta' vetturi mikrija, iżda diversi enfasizzaw li l-effetti negattivi possibbli kienu jeħtieġu analiżi addizzjonali. Dan it-tħassib kien relatat mal-erożjoni possibbli tat-taxxa u mal-kontrollabbiltà tar-restrizzjonijiet li kien fadal dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi mikrija u dwar l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ. Xi delegazzjonijiet ma kinux konvinti mill-argument li suq aktar effiċjenti għall-kiri ta' vetturi jkollu impatt pożittiv ġenerali fuq l-ambjent.
6. Il-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) kellu skambju ta' fehmiet dwar il-proposta għall-ewwel darba fil-5 ta' Diċembru 2017, abbażi ta' rapport ta' progress³.

¹ ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82.

² Ara ST 5386/19.

³ Ara ST 14841/17.

7. Wara ħidma ulterjuri f'diversi livelli bejn l-2018 u l-2021, il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali fit-3 ta' Ġunju 2021⁴.
8. Bejn Lulju u Ottubru 2021, saru negozjati bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u, bħala faċilitatur, il-Kummissjoni, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar il-proposta. Fis-26 ta' Ottubru 2021, in-negozjaturi qablu b'mod proviżorju dwar test ta' kompromess, li sussegwentement ġie analizzat u approvat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-12 ta' Novembru 2021⁵.
9. Fit-tweġġ tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill qies l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-6 ta' Diċembru 2017 u tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-1 ta' Frar 2018.
10. B'kont meħud tal-qbil proviżorju bejn il-koleġiżlaturi u wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta fl-20 ta' Diċembru 2021.

II. OBJETTIV

11. Id-Direttiva 2006/1/KE tikkodifika r-regoli preċedenti u ttipprevedi livell minimu ta' ftuħ tas-suq għall-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq bejn l-Istati Membri, kemm għall-impriżi stabbiliti fit-territorji tagħhom kif ukoll għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Madankollu, id-Direttiva:
 - tippermetti lil Stat Membru li jirrestrinġi l-użu ta' vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fit-territorju tiegħu għal dawk li huma rreġistrati f'dak l-Istat Membru, u tippermettilu wkoll li jipprojbixxi l-użu ta' vetturi mikrija b'massa mgħobbija totali permissibbli ta' aktar minn sitt tunnelli għal operazzjonijiet proprji ta' trasport;
 - hi limitata, fir-rigward ta' impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor, għall-kiri ta' vetturi rreġistrati f'dak l-istess Stat Membru għall-iskop ta' traffiku bejn l-Istati Membri.

⁴ ST 9398/21.

⁵ ST 13377/21.

12. Il-Kummissjoni tippromponi li d-Direttiva 2006/1/KE tiġi emendata prinċipalment biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet eżistenti u jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi u ċar, fejn l-operaturi tat-trasport fl-UE kollha jingħataw aċċess indaqs għas-suq għall-vetturi mikrija.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Kwistjonijiet ġenerali

13. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jiġi konkluż qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. It-test tal-abbozz ta' pożizzjoni tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġiżlaturi.
14. Il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari kienet tikkoinċidi mal-fehma tal-maġġoranza fid-deliberazzjonijiet tal-Kunsill f'dak l-istadju, li skontha kienu meħtieġa sforzi leġiżlattivi addizzjonali biex jissaħħu d-dispożizzjonijiet ta' kontroll u biex ikun hemm salvagwardji fis-seħħ biex jiġi evitat li l-liberalizzazzjoni tas-suq tintuża primarjament għall-evitar ta' taxxi nazzjonali fuq il-vetturi. L-approċċ ġenerali tal-Kunsill, li ġie maqbul aktar minn sentejn wara l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, ikkonferma din il-valutazzjoni parallela, u barra minn hekk irrifletta, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' kontroll, dwar il-finalizzazzjoni tal-inizjattivi leġiżlattivi l-oħra dwar il-ftuħ tas-suq fl-Ewwel Pakkett dwar il-Mobilità.
15. Il-kompromess rifless fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fih l-elementi ewlenin li ġejjin:

a) Distinzjoni bejn l-aċċess tal-kumpanniji barranin għas-suq tal-vetturi mikrija u l-aċċess tal-kumpanniji proprji

16. Id-Direttiva attwali u l-proposta tal-Kummissjoni essenzjalment jagħtu l-istess dritt għall-kiri ta' vetturi lil kumpanniji stabbiliti fejn l-Istat Membru jirregola (l-Artikolu 3) bħal fil-każ ta' kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dak li jirregola (l-Artikolu 2). Madankollu, kemm il-Parlament (l-emendi 3, 4 u 9) kif ukoll il-Kunsill kienu favur differenzjazzjoni ta' dawn il-każijiet. F'każ li l-kumpannija tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor u l-vettura mikrija tkun irreġistrata kif xieraq fi kwalunkwe Stat Membru, jenħtieġ li l-aċċess għas-suq ma jkunx ristrett minn Stat Membru fejn il-kumpannija ma tkunx irreġistrata. Dan għandu jkun ukoll il-punt tat-tluq fil-każ ta' kumpannija stabbilita fl-Istat Membru; madankollu, għall-użu tiegħu ta' vetturi reġistrati fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru ta' stabbiliment għandu jkollu ċerti miżuri ta' salvagwardja għad-dispożizzjoni tiegħu, li jippermettu restrizzjoni.

b) Possibiltajiet biex jiġi ristrett l-aċċess għal vetturi mikrija għal kumpanniji stabbiliti fl-Istat Membru

17. B'kunsiderazzjoni ta' dan il-qbil dwar id-distinzjoni bejn il-każijiet, in-negozjati ffukaw fuq il-kamp ta' applikazzjoni ta' salvagwardji għar-restrizzjoni tal-aċċess għal vetturi mikrija biex jiġu evitati distorsjonijiet fiskali (l-emendi 4 u 11 tal-Parlament; Approċċ ġenerali tal-Kunsill, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva emendata).
18. Għal kompromess dwar l-għażla li jiġi limitat it-tul tal-kuntratt tal-kiri ta' vettura reġistrata fi Stat Membru ieħor, il-pożizzjonijiet tal-istituzzjonijiet ikkonverġew. Il-kompromess jiggarantixxi li f'każ ta' miżuri meħuda minn Stat Membru, il-kuntratt ta' kiri jista' dejjem ikopri mill-inqas xahrejn konsekuttivi f'sena kalendarja. Għażla li tirrikjedi li kuntratt ma jistax idum aktar minn 30 jum hija disponibbli jekk dan ir-rekwiżit jirriżulta mir-regoli tal-Istati Membri dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi.
19. Għall-għażla li jiġi limitat is-sehem tal-vetturi reġistrati fi Stat Membru ieħor meta mqabbel mal-flotta domestika involuta fit-trasport bit-triq, il-pożizzjonijiet taż-żewġ istituzzjonijiet kienu favur sehem minimu garantit ta' 25 %. It-test maqbul iżid dettall tekniku għall-emenda tal-Parlament.

20. Fl-aħħar nett, kellha tinstab soluzzjoni fir-rigward ta' restrizzjonijiet fakultattivi għall-użu ta' vetturi mikrija f'operazzjoni ta' trasport għall-kont proprju (l-emendi 28 u 34 tal-Parlament; Approċċ ġenerali tal-Kunsill, l-Artikolu 3(2)(c) tad-Direttiva emendata). Il-pożizzjoni tal-Parlament kienet usa' fis-sens li r-restrizzjoni kienet tapplika wkoll għall-vetturi reġistrati fl-Istat Membru fejn il-kumpanija hija rreġistrata; u l-pożizzjoni tal-Kunsill kienet usa' fis-sens li ma kenitx tiddistingwi skont il-piż tal-vettura. Il-Kummissjoni kienet lesta taċċetta salvagwardja f'konformità mal-loġika tas-salvagwardji l-oħra, iżda insistiet li titneħħa r-regola li tippermetti l-eżenzjoni ta' operazzjonijiet għall-kont proprju b'mod ġenerali. Fl-aħħar nett, il-Parlament aċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

c) Monitoraġġ u kontroll

21. Filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li r-regoli attwali ma jagħtu l-ebda libertà għall-kiri ta' vettura li ma tkunx irreġistrata fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-kumpanija, il-kwistjoni tal-monitoraġġ u l-kontroll tal-użu ta' vetturi mikrija, b'mod partikolari fil-kuntest tar-restrizzjonijiet tas-suq eżistenti għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ⁶, kienet ferm importanti għall-kompromess.

22. Il-pożizzjoni tal-Parlament kien fiha qafas ta' kontroll strett (l-emendi 5 u 12), li kien differenti mill-pożizzjoni tal-Kunsill l-aktar fl-użu ta' kanali ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Il-kompromess kien jikkonsisti fl-allinjament tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, b'mod aktar deskrittiv milli fil-pożizzjoni tal-Kunsill, mar-regoli ta' kooperazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009, li kien immodernizza l-Ewwel Pakkett dwar il-Mobilità. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat, il-Parlament aċċetta li l-informazzjoni dwar vetturi mikrija ma għandhiex għalfejn tiġi nnotifikata kull darba li tinkera vettura, sakemm l-informazzjoni tkun disponibbli u aċċessibbli fl-Istat Membru li jwettaq il-kontrolli waqt il-kontrolli mil-ġenb tat-triq (l-Artikoli 3a u 5b ġodda).

⁶ Ara l-Artikolu 8 tar-Regolamenti (KE) Nru 1072/2009.

d) Traspożizzjoni u evalwazzjoni tal-politika

23. Il-kompromess jipprevedi skadenza għat-traspożizzjoni (l-Artikolu 2 tad-Direttiva emendatorja), li ser tkun qrib l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda ta' kontroll fl-Ewwel Pakkett dwar il-Mobbiltà, li mistennija jiġu implimentati sa Awwissu 2023.
24. L-obbligu ta' rappurtar tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u l-effetti tad-Direttiva (l-emendi 7 u 13 tal-Parlament, l-Artikolu 5a il-ġdid tad-Direttiva emendata) ġie rivedut billi kkonverġew il-pożizzjonijiet f'termini ta' skeda ta' żmien u s-soġġetti mistennija tar-rapport.

B. Elementi oħrajn tal-pożizzjoni tal-Kunsill

25. Il-Kunsill aċċetta emendi fformulati mill-ġdid mill-Parlament (il-premessi 2 u 4, mill-emendi 1 u 6 tal-Parlament). L-elementi l-oħrajn li ġejjin, li ġew miżjuda mill-Kunsill mal-proposta tal-Kummissjoni, daħlu fit-test finali tal-pożizzjoni tal-Kunsill:
 - premessa (il-premessa 8) u partijiet relatati tal-Artikolu 3(2) jirreferu għal mezzi ta' kontroll f'każ li Stat Membru jkun irrestrinġa t-tul ta' kuntratt ta' kiri meħud minn kumpanniji stabbiliti fit-territorju tiegħu;
 - f'konformità ma' leġislazzjoni reċenti oħra tal-UE⁷, l-Istati Membri jridu jaċċettaw il-preżentazzjoni f'forma elettronika ta' dokumenti li s-sewwieq jeħtieġ iżomm abbord (il-premessa 6, l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva emendata).

⁷ Ara, pereżempju, l-Artikolu 8(4a) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 u l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2020/1056.

IV. KONKLUŻJONI

26. Il-pożizzjoni tal-Kunsill iżżomm l-objettivi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess milħuq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea.
 27. Dan il-kompromess ġie kkonfermat permezz ta' ittra mill-President tal-Kumitat TRAN tal-Parlament Ewropew indirizzata lill-Presidenza u bid-data tas-16 ta' Novembru 2021; huwa ġie sussegwentement adottat mill-Kunsill (Ambjent) fl-20 ta' Diċembru 2021 bħala pożizzjoni fl-ewwel qari.
-